# LEĦEN IL-PARROĊĊA
## TA' SAN ĠILJAN
*NGĦARFU, INĦOBBU, NIDĦLU FIL-PARROĊĊA TAGĦNA*

Nru. 17 APRIL, 1966




# IL-KAPPILLAN IL-ĠDID TAGĦNA

Kulħadd imtela bil-ferħ għall-aħbar sabiħa li xxandret nhar it-Tnejn, 28 ta' Frar, 1966, li ż-żagħżugħ DUN ĠWANN GALEA, irċieva n-nomina ta' KAPPILLAN ġdid għal San Ġiljan, wara 3 xhur mit-tluq tal-Kappillan ta' qabel Dun Guido Calleja.

Dun Ġwann twieled San Ġiljan fis-26 ta' Frar, 1937. Studja fl-Iskola tal-Gvern tal-pajjiż, għadda l-kors tas-Seminarju u ta' l-Università, fejn ħa l-lawrji ta' B.A. u Lic.D.

Ġie ordnat Saċerdot fis-7 ta' April, 1962. Ftit xhur wara għamel il-festa ta' l-Ewwel Quddiesa fil-Parroċċa tagħna. Jibqa' msemmi l-paniġirku li għamillu zijuh, il-Kappillan tal-Gżira, Dun Pawl, bis-suġġett: *Discipulus quem diligebat Iesus* (id-dixxiplu li kien iħobb Ġesù).

Ix-xogħol tiegħu pastorali f'dawn l-erba' snin kulħadd jafu. Minn kmieni nte-fa' għall-qrar u l-priedki, għall-kant u għat-tagħlim tal-katekiżmu u l-edukazzjoni reliġjuża taż-żgħażagħ u t-tfal.

Mal-Kappillan ta' qablu kien l-id il-leminija. Ta' karattru dħuli u ferrieħi ġibed is-simpatija ta' kulħadd. Imma dan ma wasalx għalih ħlief permezz ta' sagrifiċċji. Huwa kien dedikat kollu kemm hu għall-ġid spiritwali tal-Parroċċa. Mhux għalxejn li kulħadd feraħ li issa għandna lilu bħala KAPPILLAN tagħna.

Aħna nawgurawlu għomor twil, saħ-ħa, ħeġġa, qlubija u fuq kollox il-barka ta' Alla fuq ix-xogħol tqil, delikat, iebes, imma qaddis u konsolanti li għandu quddiemu. Mis-sema, SAN ĠILJAN iħarsu. Aħna, minn fuq l-art, inħarsu lejh, bħala l-bniedem magħżul minn Alla biex imexxina lejn is-Sema.

DUN ANTON XIBERRAS,
*Vigarju Kurat.*

## INVIT

**Nixtieq ngħarrafkom illi l-pussess tiegħi bħala Kappillan ta' San Ġiljan ser nieħdu fit-3 ta' April (Ħadd il-Palm). Billi għal din l-okkażjoni mhux ser noħroġ inviti, nixtieq permezz ta' "Leħen il-Parroċċa" nistieden lill-**

**ĠILJANIŻI KOLLHA**

**biex jissieħbu miegħi f'din iċ-ċirkustanza. Nil-qa' d-dar fil-jumejn ta' wara, 4 u 5 ta' April, mill-5.30 p.m. 'il quddiem.**

**DUN ĠWANN GALEA**
**Kappillan.**

## X'SER IKOLLNA F'APRIL

1 ta' April: Festa tad-Duluri. Fil-5.30 p.m. korteo bil-vara tad-Duluri u wara Quddiesa Letta.

3 ta' April: Hadd il-Palm. Fis-7.30 a.m. tberik tal-Palm ħdejn il-Knisja l-ġdida, u wara purċissjoni għall-Parroċċa, fejn issir il-Quddiesa Kantata fit-8.00 a.m. Filgħaxija jkun hawn il-Pussess tal-Kappillan il-Ġdid.

6 ta' April: Fil-5.00 p.m. nagħmlu l-Via Sagra mat-toroq. Il-Quddiesa ta' filgħaxija llum tkun fis-7.00 p.m. wara l-Via Sagra.

7 ta' April: Hamis ix-Xirka. Filgħodu ma jkunx hawn Quddies, iżda jkun hawn il-Qrar mis-6.00 a.m. sat-8.00 a.m. Aħsbu biex tqerru filgħodu għax filgħaxija s-saċerdoti jkunu okkupati bil-funzjoni.

8 ta' April: Il-Ġimgħa l-Kbira. Tifkira tal-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Fis-2.00 p.m. Priedka. Fit-3.00 p.m. Azzjoni Liturġika, li fiha ssir l-Adorazzjoni tas-Salib u wara t-Tqarbin.

9 ta' April: Sibt il-Għid. Fl-10.30 p.m. funzjoni tat-tberik tan-nar il-ġdid, tal-Blandun u ta' l-ilma tal-Magħmudija. F'nofs il-lejl Quddiesa Kantata tal-Glorja.

*N.B.* — Matul dawn il-funzjonijiet jieħdu sehem fil-kant is-St. Julian's Choir u l-Pueri Cantores tal-Parroċċa tagħna taħt it-tmexxija ta' Dun Karm Calleja.

16 ta' April: Il-priedka ta' Pompej illum ssir fil-Quddiesa tas-7.0 0a.m.

17 ta' April: Vjatku Solenni tal-Morda.

## IL-PUSSESS TAL-KAPPILLAN — PROGRAMM

*12.00 p.m.* Mota u sparar.

*4.30 p.m.* Niltaqgħu lkoll ħdejn il-Knisja l-ġdida minn fejn nakkompanjaw flimkien mal-Banda lill-Kappillan il-ġdid sal-Parroċċa.

*5.00 p.m.* Jasal l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Galea. Innu tal-Papa. Dħul fil-knisja, fejn issir iċ-ċerimonja tal-Pussess. Wara l-pussess, malli joħorġu l-Isqof u l-Kappillan il-ġdid, kant ta' l-*Ecce Sacerdos* mis-St. Julian's Choir. Nakkompanjaw lill-Kappillan bil-marċ sal-Każin tal-Banda. Diskors ta' l-okkażjoni mit-Tabib Ċensu Tabone mill-gallarija tal-Każin, Indirizz mill-Kappillan, u qari ta' poeżija minn Dun Anton Xiberras.

## MINN 75 SENA 'L HAWN — (2)

Sa dak in-nhar li l-pajjiż tagħna kien wasal biex isir Parroċċa, kienu laħqu għaddew 33 sena. Fil-Fonti li kien twaqqaf fl-1858, kienu laħqu tgħammdu 1077.

L-ewwel Vigarju Kurat DUN ĠUŻEPP SCERRI, sar ukoll l-ewwel Kappillan ta' San Ġiljan. Wieħed għadu jista' jara r-ritratt ta' dan il-Kappillan f'inkwatru kbir, pittura taż-żejt, fis-sagristija tagħna.

Id-Degriet li bih l-Isqof ta' Malta, l-E.T. Mons. Pietro Pace, għolla lill-pajjiż tagħna għad-dinjità ta' PARROĊĊA, iġib id-data tat-8 ta' Settembru, 1891. L-ewwel magħmudija li għamel l-ewwel Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġiljan, kienet l-1078 waħda, li saret fil-15 ta' Ottubru, 1891. Kienet tifla, bint Ġużepp u Carmela Borg, bl-isem ta' ĠUŻEPPA.

STORICUS.

## MULEJ AGHTIHOM IL-MISTRIEH TA' DEJJEM

27. 2. 66 Marianna Busuttil (84 sena) ta' Dundee, P'ville Ave. P'ville.
2. 3. 66 Arkanġelo Agius (86 sena) ta' The Gardens.
6. 3. 66 Tereża Camilleri (83 sena) ta' Lilfra, Olive Str., The Gardens.

Nagħtu l-għomor lill-familji tagħhom.

## NIFIRHU LILL-MIŻŻEWĠIN ĠODDA

7. 3. 66 Lawrence Johnson (St. Andrew's Barracks) ma' Kathleen Taylor (Paceville).

"EMPIRE PRESS"

## X'SER IKOLLNA F'APRIL

1 ta' April: Festa tad-Duluri. Fil-5.30 p.m. korteo bil-vara tad-Duluri u wara Quddiesa Letta.
3 ta' April: Hadd il-Palm. Fis-7.30 a.m. tberik tal-Palm ħdejn il-Knisja l-ġdida, u wara purċissjoni għall-Parroċċa, fejn issir il-Quddiesa Kantata fit-8.00 a.m. Filgħaxija jkun hawn il-Pussess tal-Kappillan il-Ġdid.
6 ta' April: Fil-5.00 p.m. nagħmlu l-Via Sagra mat-toroq. Il-Quddiesa ta' filgħaxija llum tkun fis-7.00 p.m. wara l-Via Sagra.
7 ta' April: Hamis ix-Xirka. Filgħodu ma jkunx hawn Quddies, iżda jkun hawn il-Qrar mis-6.00 a.m. sat-8.00 a.m. Aħsbu biex tqerru filgħodu għax filgħaxija s-saċerdoti jkunu okkupati bil-funzjoni.
8 ta' April: Il-Ġimgħa l-Kbira. Tifkira tal-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Fis-2.00 p.m. Priedka. Fit-3.00 p.m. Azzjoni Liturġika, li fiha ssir l-Adorazzjoni tas-Salib u wara t-Tqarbin.
9 ta' April: Sibt il-Għid. Fl-10.30 p.m. funzjoni tat-tberik tan-nar il-ġdid, tal-Blandun u ta' l-ilma tal-Magħmudija. F'nofs il-lejl Quddiesa Kantata tal-Glorja.
*N.B.* — Matul dawn il-funzjonijiet jieħdu sehem fil-kant is-St. Julian's Choir u l-Pueri Cantores tal-Parroċċa tagħna taħt it-tmexxija ta' Dun Karm Calleja.
16 ta' April: Il-priedka ta' Pompej illum ssir fil-Quddiesa tas-7.0 0a.m.
17 ta' April: Vjatku Solenni tal-Morda.

## IL-PUSSESS TAL-KAPPILLAN — PROGRAMM

*12.00 p.m.* Mota u sparar.

*4.30 p.m.* Niltaqgħu lkoll ħdejn il-Knisja l-ġdida minn fejn nakkompanjaw flimkien mal-Banda lill-Kappillan il-ġdid sal-Parroċċa.

*5.00 p.m.* Jasal l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Galea. Innu tal-Papa. Dħul fil-knisja, fejn issir iċ-ċerimonja tal-Pussess. Wara l-pussess, malli joħorġu l-Isqof u l-Kappillan il-ġdid, kant ta' l-*Ecce Sacerdos* mis-St. Julian's Choir. Nakkompanjaw lill-Kappillan bil-marċ sal-Każin tal-Banda. Diskors ta' l-okkażjoni mit-Tabib Ċensu Tabone mill-gallarija tal-Każin, Indirizz mill-Kappillan, u qari ta' poeżija minn Dun Anton Xiberras.

## MINN 75 SENA 'L HAWN — (2)

Sa dak in-nhar li l-pajjiż tagħna kien wasal biex isir Parroċċa, kienu laħqu għaddew 33 sena. Fil-Fonti li kien twaqqaf fl-1858, kienu laħqu tgħammdu 1077.

L-ewwel Vigarju Kurat DUN ĠUŻEPP SCERRI, sar ukoll l-ewwel Kappillan ta' San Ġiljan. Wieħed għadu jista' jara r-ritratt ta' dan il-Kappillan f'inkwatru kbir, pittura taż-żejt, fis-sagristija tagħna.

Id-Degriet li bih l-Isqof ta' Malta, l-E.T. Mons. Pietro Pace, għolla lill-pajjiż tagħna għad-dinjità ta' PARROĊĊA, iġib id-data tat-8 ta' Settembru, 1891. L-ewwel magħmudija li għamel l-ewwel Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġiljan, kienet l-1078 waħda, li saret fil-15 ta' Ottubru, 1891. Kienet tifla, bint Ġużepp u Carmela Borg, bl-isem ta' ĠUŻEPPA.

STORICUS.

## MULEJ AGHTIHOM IL-MISTRIEH TA' DEJJEM

27. 2. 66 Marianna Busuttil (84 sena) ta' Dundee, P'ville Ave. P'ville.
2. 3. 66 Arkanġelo Agius (86 sena) ta' The Gardens.
6. 3. 66 Tereża Camilleri (83 sena) ta' Lilfra, Olive Str., The Gardens.

Nagħtu l-għomor lill-familji tagħhom.

## NIFIRHU LILL-MIŻŻEWĠIN ĠODDA

7. 3. 66 Lawrence Johnson (St. Andrew's Barracks) ma' Kathleen Taylor (Paceville).

"EMPIRE PRESS"